

Brussell, 29 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

11279/26

COHAF 59
ALIM 3
FIN 986
COJUR 36
DEVGEN 118
GENDER 150
RELEX 927

EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 29 ta' Ġunju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10620/26 + ADD 1

Suġġett: Prinċipji Umanitarji tal-UE 2026

- Dikjarazzjoni f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dikjarazzjoni dwar il-Prinċipji Umanitarji tal-UE 2026, kif approvata mill-Kunsill fl-4188 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Ġunju 2026.

DIKJARAZZJONI DWAR IL-PRINĊIPJI UMANITARJI TAL-UE 2026
F'ISEM L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA

Aħna, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, naffermaw mill-ġdid l-impenn qawwi tagħna għal azzjoni umanitarja bbażata fuq il-prinċipji u l-ħtiġijiet fi żmien meta l-ħtiġijiet umanitarji qed ikomplu jiżdiedu globalment filwaqt li r-riżorsi disponibbli għadhom taħt pressjoni dejjem akbar. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha jtennu d-determinazzjoni tagħhom li jibqgħu d-donaturi umanitarji ewlenin, prevedibbli u affidabbli tad-dinja skont approċċ ta' Tim Ewropa. Nissottolinjaw ukoll il-ħtieġa li nirreaġixxu mhux biss għad-diskrepanza fil-finanzzjament, iżda wkoll għall-kriżi attwali ta' leġittimità li taffettwa s-sistema umanitarja, permezz ta' difiża koerenti u mirfuda fuq il-prinċipji tal-prinċipji umanitarji u d-Dritt Umanitarju Internazzjonali fil-kuntesti kollha.

Naffermaw mill-ġdid l-appoġġ tagħna għal sistema umanitarja bbażata fuq l-erba' prinċipji umanitarji tal-**umanità, in-newtralità, l-imparzjalità u l-indipendenza**, bil-**protezzjoni** fil-qalba tagħha. Nissottolinjaw l-importanza li jiġu salvagwardati d-dinjità, is-sikurezza u d-drittijiet tal-persuni affettwati mill-kriżijiet, speċjalment in-nisa, il-bniet, it-tfal, l-LGBTI, il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabilità, u persuni oħra f'riskju ta' diskriminazzjoni. Nikkundannaw l-attakki kontra l-ħaddiema umanitarji u mediċi, u naffermaw mill-ġdid l-obbligu tal-partijiet kollha għall-konflitti li jikkonformaw bis-sħiħ mad-**Dritt Umanitarju Internazzjonali**. Nappellaw għal aċċess umanitarju f'waqtu, sikur u mingħajr xkiel għall-popolazzjonijiet fil-bżonn u ntennu l-importanza li jiġi evitat li l-azzjoni umanitarja tiġi politiċizzata. Naffermaw mill-ġdid ir-rieda tagħna li nużaw id-diplomazija umanitarja u l-għodod ta' promozzjoni rilevanti kollha biex nappoġġaw dan.

Nissottolinjaw l-appoġġ sostnut tagħna għal prijoritajiet tematiċi kondiviżi b'mod komuni, inkluż il-**protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili u l-ħaddiema umanitarji, is-sigurtà alimentari u n-nutrizzjoni, is-saħħa, inkluż is-saħħa mentali u l-appoġġ psikoloġiku, l-edukazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, ir-refuġji, l-ilma u l-faċilitajiet sanitarji, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-fraġilità, l-adattament għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri, l-azzjoni antiċipatorja, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri**, u implimentazzjoni msaħħa tar-rabta bejn l-**aspett umanitarju, l-iżvilupp u l-paċi, inkluż it-tneħħija tal-mini għal skopijiet umanitarji bħala prekondizzjoni rikonoxxuta b'mod ġenerali għal irkupru bikri**. Naffermaw mill-ġdid ukoll l-importanza li navvanzaw **ir-reazzjonijiet immexxija lokalment**, is-sħubijiet ekwi, l-appoġġ dirett lill-atturi lokali u nazzjonali kif ukoll il-parteċipazzjoni sinifikanti tagħhom fit-teħid u t-twettiq ta' deċiżjonijiet umanitarji.

Intenu l-appoġġ tagħna għar-**Rilanċ Umanitarju** li għaddej taħt it-tmexxija tal-Koordinatur tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Għajnuna ta' Emerġenza u nenfasizzaw il-ħtieġa għal riformi konkreti, marbuta biż-żmien u inklużivi li jtejbu l-effiċjenza, iżidu l-impatt, inaqqsu d-duplikazzjoni, jippermettu l-mutwalizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni u jsaħħu l-prijoritizzazzjoni u l-obbligu tal-irfiġh tar-responsabbiltà kollettivi. Nappellaw lis-sistema tan-NU biex tkompli tissimplifika l-istrutturi ta' koordinazzjoni, inkluż dwar il-katina tal-provvista umanitarja, tagħti s-setgħa lill-Koordinaturi Residenti u Umanitarji, issaħħaħ it-tmexxija lokali u tiżgura li l-azzjoni umanitarja tibqa' bbażata b'mod sod fuq il-ħtiġijiet, mirfuda fuq il-prinċipji u mhux politiċizzata.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jissottolinjaw l-importanza ta' **finanzjament ta' kwalità**, inkluż finanzjament flessibbli u pluriennali, sabiex ikunu jistgħu jsiru risponsi umanitarji effettivi adattati għal kriżijiet dejjem aktar fit-tul u kumplessi. Dan jinkludi aktar appoġġ għal mekkaniżmi flessibbli, bħal fondi umanitarji kollettivi, kif ukoll finanzjament ewlieni prevedibbli għall-aġenziji umanitarji u finanzjament għal faċilitaturi umanitarji essenzjali. Inħeġġu lis-sħab umanitarji biex ikomplu jtejbu l-effiċjenza, l-innovazzjoni u l-komplementarjetà aħjar bejn l-atturi umanitarji u d-donaturi filwaqt li jippreservaw il-kwalità u n-natura bbażata fuq il-prinċipji tal-assistenza umanitarja.

Filwaqt li nfakkru fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2023 dwar l-indirizzar tad-diskrepanza fil-finanzjament umanitarju, meta naffermaw mill-ġdid l-impenn kollettiv tal-UE li tipprova mill-inqas 0.7 % tal-ING kollettiv bħala għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) sal-2030 u li l-Istati Membri ġew imħeġġa ulterjorment jiżguraw li sehem xieraq, pereżempju l-10 %, tal-ODA tagħhom ikun iddedikat għall-azzjoni umanitarja, intennu l-ħtieġa urġenti li titwessa' u tiġi diversifikata l-bażi tad-donaturi globali u nappellaw lil donaturi oħra, inkluż ekonomiji emerġenti, istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, is-settur privat u atturi filantropiċi, biex iżidu l-involvement tagħhom u jikkontribwixxu b'mod aktar sostanzjali għall-isforzi umanitarji, inkluż fi kriżijiet minsija jew mhux iffinanzjati biżżejjed, sabiex jiġi żgurat finanzjament sostnut u flessibbli għall-istabbilizzazzjoni u l-involvement fi stati fraġli li jesperjenzaw emerġenzi umanitarji. Nappellaw għal aktar attenzjoni, allokkazzjoni ekwa tal-finanzjament u involvement sostnut biex jiġi żgurat li l-ebda popolazzjoni fil-bżonn ma titħalla tibqa' lura.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jibqgħu impenjati għal djalogu kontinwu u azzjoni koordinata man-Nazzjonijiet Uniti, il-Moviment Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar, l-NGOs lokali u internazzjonali u s-sħab umanitarji kollha biex jiġi żgurat li s-sistema umanitarja tibqa' adatta għall-iskop tagħha u kapaċi ttrrispondi b'mod effettiv għall-ħtiġijiet umanitarji globali li qed jikbru.
